MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## PETER BORG COSTANZI

Seduta tad-29 ta' Ottubru, 2004

Talba Numru. 1970/2003

**Carmel Callus**

**Vs**

**Aaron Zammit**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-attur talab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta’ sitt mija u sebgha w erbghin lira Maltin u tmienja u sebghin centezmu (Lm647.78c) rapprezentanti danni subiti fil-vettura tieghu JAT 167 waqt kollizjoni li sehhet fir-roundabout f’Tal-Qroqq fit-28 ta’ Novembru, 2002 liema kollizjoni qed isostni li sehhet unikament responsabbilta’ tal-konvenut.

Ra r-Risposta tal-konvenut li biha eccepixxa li l-incident mertu tal-kawza sehh unikament tort tax-xufiera tal-vettura ta’ l-attur.

Sema’ x-xhieda ta’ Roberta Callus, Carmel Callus u tal-konvenut.

Ra d-dokumenti esebiti u l-atti kollha tal-kawza.

**Ikkunsidra**

Illi Roberta Callus xehdet li dakinhar ta’ l-incident hija kienet qieghda ssuq il-karozza ta’ missierha, l-attur u li kienet tiela’ minn Triq Regjonali mill-Imsida bl-intenzjoni li taqbad Birkirkara Bypass. Kif hija kienet qieghda tiela’, bdiet iddur mal-wita li hemm mar-roundabout u hasset daqqa minn wara (l-kollizjoni). Dak il-hin ta’ l-incident hija kienet wieqfa ghax kien hemm karozzi qed iduru mar-roundabout u d-daqqa giet minn wara, l-aktar pero’ min-naha tal-lemin u b’rizultat ta’ dan il-karozza taghha ntfietilha. Il-vetturi baqghu kif kienu, mlew il-formola *Bumper To Bumper* u kkonfermat ukoll li taqbel ma’ l-isketch impingi fuq l-istess formola. Il-vettura l-ohra kienet qieghda tinstaq mill-konvenut li kienet Jeep. Mistoqsiha jekk il-vettura taghha mxietx lura biex sehhet l-incident, hija nnegat u qalet illi l-konvenut beda jghid hekk u hi bdiet tmerih.

Carmel Callus xehed illi huwa s-sid tal-vettura in kwistjoni u kkonferma li kien ghamel survey li jindika li l-hsarat huma kif indikati fis-survey report a fol 3 tal-process. Il-karozza ma sewwihiex u esebixxa zewg ritratti li juru l-hsara fil-vettura tieghu.

Sema’ x-xhieda tal-konvenut li xehed illi dakinhar ta’ l-incident huwa kien tiela’ t-telgha qed isegwi l-vettura misjuqa minn Roberta Callus. Kif wasal hdejn ir-roundabout huwa waqaf fejn hemm l-iSTOP ghalkemm Callus, li kienet quddiemu kienet harget u bdiet iddur ir-roundabout. Hin minnhom waqfet u rriversjat u b’hekk dahlet fuqu.

**Ikkunsidra**

Illi huwa evidenti li hemm kontrast bejn iz-zewg verzjonijiet moghtija miz-zewg sewwieqa li t-tnejn iwasslu ghall-konkluzjoni opposta dwar ir-responsabbilta'.

Fuq il-pedana z-zewg sewwieqa dehru konvincenti izda t-Tribunal jidhirlu illi hemm fattur illi huwa determinanti u li jirrizolvi dan in-*nodus* ghall-vantagg ta' l-attur – u cjoe' d-dokument CC2 a fol 4 tal-process li huwa l-*Front To Rear Form*.

Din il-formola giet mimlija u ffirmata miz-zewg sewwieqa a tempo vergine u f'dak li jirrigwarda d-deskrizzjoni ta' l-incident – dan jikkombacja ma' dak li xehdu f'din il-kawza. Izda l-pjanta ta' l-incident giet impingija mill-konvenut. Minn ezami ta' din il-pjanta huwa car illi z-zewg vetturi wara l-incident ma kienux qieghdin imissu ma' xulxin u kien hemm *gap* bejniethom. Dan il-*gap* jista' jfisser haga wahda biss u cjoe' li kienet il-karozza tal-konvenut li laqtet il-karozza ta' l-attur u mhux vice versa. Kieku l-karozza tal-konvenut kienet wieqfa fil-mument ta' l-impatt u, kif ighid il-konvenut, il-karozza ta' Callus giet b'lura, ma' l-impatt iz-zewg karozzi kienu jieqfu flimkien. Il-vettura tal-konvenut kienet Jeep mentri l-vettura ta' Callus hija Daihatsu zghira. Karozza li tirriversja *on free* ghal ftit metri ma jkollhiex *momentum* bizzejjed biex tikkawza habta ta' dik l-entita' tant li timbotta lura l-Jeep wieqfa. Inoltre, l-konvenut ma xehedx li b'rizultat ta' l-impatt il-karozza tieghu giet imbuttata lura.

Mill-banda l-ohra ghandna l-verzjoni ta' Roberta Callus li tghid illi hija kienet bdiet iddur mar-roundabout izda waqfet ghax kienet qieghda tistenna t-traffiku iehor li kien gej u f'dak il-mument giet il-vettura tal-konvenut li laqtitha minn wara. Kien f'dak il-mument li mbaghad il-karozza taghha waqfet.

Dan jaghmel sens u b'mod partikolari tenut kont tal-affermazzjoni tal-konvenut li jghid illi qabel l-incident huwa ma kienx qed ihares 'il quddiem izda kien qed ihares lejn il-lemin biex jara kienx hemm traffiku gej minn dik id-direzzjoni. F'dak il-mument ta' dizattenzjoni huwa

probabbilment ma ndunax illi l-vettura ta' quddiemu kienet waqfet u baqa' diehel go fiha.

It-Tribunal innota l-fatt li mhux normalment konsentit li driver, la jaqbad idur ma' roundabout, jerga' jieqaf ghaliex normalment meta tibda ddur ifisser li suppost it-triq tkun clear. Izda f'dan il-kaz jirrizulta li Callus kienet qieghda ssuq bil-mod hafna u mhux eskluz li sakemm bdiet iddur mar-roundabout, lahqu tfaccaw vetturi ohra mil-lemin taghha. F'kull kaz it-Tribunal m'ghandux ezitazzjoni jghid li l-kawza prossima tal-kollizjoni kienet li l-konvenut ma zammx *a proper lookout* u m'accertax ruhu li seta' johrog liberament ghal fuq ir-roundabout.

Dan ifisser li huwa unikament responsabbli ghall-incident u ghandu jbati l-konsegwenzi relattivi.

Dwar il-*quantum* it-Tribunal jirrimarka illi l-attur ma sewwiex il-karozza u bhala provi kulma gie mressaq huwa survey report. Dan is-survey report bl-ebda mod ma gie kkritikat jew attakkat, lanqas fl-eccezzjonijiet u ghalhekk it-Tribunal m'ghandux alternattiva hlief li jilqa' t-talba kif dedotta.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident in kwistjoni u jikkundannah ihallas lill-attur is-somma ta' sitt mija u seba' w erbghin lira Maltin u tmienja u sebghin centezmu (Lm647.78c) bl-ispejjez u bl-interessi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------